MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 376/2010

Kawza fil-lista: 52

**T W**
**vs**
**R V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet : illi l-partijiet izzewgu fit-11 ta’ Jannar 1998 ; illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tifla wahda li twieldet fis-7 ta’ Lulju 1998; illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta ; illi, l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-dmiritijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika

serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta ; illi oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1)(f) tal-Kap-255 tal-Ligijiet ta' Malta ; ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob lil dina Qorti joghgobha tiddikjara iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fil 11 ta' Jannar 1998 null u bla effett, fil-ligi ; bl-ispejjez.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-11 ta' Jannar 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali huwa vizzjat fil-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati**.**

Il-konvenut ma jopponiex ghal dan.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizlta li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Jannar 1998, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sentejn ; illi z-zwieg gie deciz biex tikkalma dizgwid kbir ma' missierha, li kien strett fuq ir-religjon li jhaddan; liema disgwid kien nqala' meta hi nqabdet tqila waqt l-gherusija u hu sostna li t-tarbija ghandha titwieled fiz-zwieg.

Illi fil-konvivenza matrimonjali, li damet xi erba snin, il-partijiet zammew il-liberta taghhom u kienu jippreferu johorgu wahedhom mal-hbieb rispettivi taghhom. Ftit

wara z-zwieg bdew jesperjenzjaw problemi, senjatament dik tal-bruda fil-konfront ta’ xulxin, b’mod li, skoprew li ma setghux jghixu l-hajja konjugali flimkien bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied; ma baqghux migbudin lejn xulxin u ddecidew li jisseparaw.

Illum, kemm l-attrici u kemm il-konvenut, qeghdin f’ relazzjoni ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu; u f’ dan il-kaz tirravviza fil-konfront taz-zewg partijet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat.

Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet bdew johrogu flimkien meta kellhom tmintax u dsatax il-sena rispettivament ; il-familja tal-attrici kienet dominata minn missier li kien jindahal f’kollox u minhabba r-religjon li kien ihaddan fl-estrem, kien jirrendi l-ambjent tal-familja tieghu infelici.

Illi fl-gherusijja r-relazzjoni kienet aktar wahda ta’ hbiberija milli wahda biex issir il-preparamenti taz-zwieg billi l-partijiet kienu jkunu ta’ spiss fil-presenza tal-ohrajn ; illi madankollu kien ikollhom x’jaqsmu flimkien sesswalment ; din l-gherusija kellha tieqaf hesrem hekk kif l-attrici kienet inqabdet tqila. Missierha hadha bi kbir, u l-partijiet gew kostretti biex jizewwgu biex jitghatta d-dnub.

Illi l-konvivenza matrimonjali kienet biss biex tittrabba t-tarbija; kienet wahda laxka u l-partijiet kienu johorg ghal rashom ma’ hbiebhom rispettivi ; illi b’rizultat ta’ dan, dahlet certa bruda li gieghlet l-partijiet ikunu riluttanti fl-att taz-zwieg ; skoprew li ma setghux jghixu l-hajja konjugali flimkien bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied; bir-rizultat li wara sentejn u nofs dan iz-zwieg sfaxxa hekk kif kull parti bdiet relazzjoni ohra ma sieheb/siehba gdid.

Il-Qorti tasal ghall-fehma li dan iz-zwieg qatt ma kien. Id-decizjoni ittiehdet f'ambjent ta' paniku kbir *'l-ewwel haga li giet f'mohhi ma kenitx il-fatt li se nsir omm, jew kif seta' jirregixxi R izda kont imwerwra fuq kif ser nghid lil missieri, ghax ghalih dan kien oltre li skandlu ghas-socjeta, dnub kbir'* (folio 19). Kien zwieg kostrett li jsehh biss biex jitghatta dnub; kien nieqes mill-preparamenti u li kien biss funzjonali biex tarbija titwieled fi hdanu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici ; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Jannar 1998.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------